**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 156/20/F

**Chris Cuschieri u Rita Borg**

**vs**

**Raymond Abdilla u Rita Abdilla
– Villa Maria**

Illum, 23 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-3 ta' Novembru 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2020;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Ħa konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi fis-7 ta' Ottubru 2019, ir-Rikorrenti daħlu fi ftehim mal-intimati sabiex jikru s-sala Villa Maria għat-tieġ tagħhom li kellu jsir fis-26 ta' Settembru 2020 (inizzjalment id-data kellha tkun id-9 ta' Mejju 2020 iżda ġiet mibdula bi qbil bejn il-Partijiet) fejn ħallsu lill-istess azjenda intimata s-somma ta' €700 bħala depożitu. Ġara li minħabba r-resrizzjonijiet relatati mal-pandemija Covid-19, it-Rikorrenti talbu biex imexxu d-data tat-tieġ għas-sena 2021 iżda ġew informati minn naħa tal-intimati li s-sala ma kienitx ser tibqa' topera. Għalhekk talbu li jiġu rifużi d-depożitu li huma kienu ħallsu. Minħabba li l-intimati naqsu milli jagħmlu dan, saret it-Talba

odjerna, sabiex l-azejenda intimata tiġi kkundannata tirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' **seba mitt Euro (€700)**.

Illi l-intimati jilqgħu għal din it-Talba billi jsostnu li skont il-ftehim konkluż bejn il-Partijiet, "id-depożitu ma jiġix mogħti lura" u għalhekk, ladarba kienu r-Rikorrenti li kkanċellaw il-ftehim, ir-rifużjoni tad-depożitu mhux mistħoqqa. Tgħid ukoll li teknikament kien possibbli li t-tieġ isir matul il-perjodu ta' 11-il xhar li s-sala damet disponibbli għar-Rikorrenti li kieku dawn għażlu data alternattiva matul is-sena 2020 u għalhekk, kienu disposti li jakkomodawhom sabiex b'hekk ma jitilfux id-depożitu tagħhom.

Illi huwa paċifiku li kien qbil fuq id-data miftehma tat-tieġ għas-26 ta' Settembru 2020 u li tħallas depożitu ta' €700. Daqstant paċifiku huwa li kien hemm restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija Covid-19 imposti bil-liġi fix-xhur preċedenti għad-data miftehma

Illi r-rikorrenti jsostnu li huma kienu pjanaw li jistiednu madwar 400 persuna għat-tieġ iżda bir-regolament viġenti f'dak iż-żmien, in-numru kellu jkun limitat għal 100 persuna u eżibew in atti korrispondeza li tindika din il-preokkupazzjoni tagħhom. Jgħidu ukoll li omm l-għarusa kienet fi stat ta' saħħa fraġli minħabba li kienet għadha kemm għaddiet minn ċiklu ta' trattamenti tal-kimoterapija u għalhekk, kienet persuna mill-aktar vulnerabbli mill-lat ta' saħħa. Kien għalhekk li r-Rikorrenti Rita Borg talbet li t-tieġ jitmexxa għas-sena 2021 u wara r-rifjut ta' din ir-rikjesta mill-intimati, iddeċidiet li tintalab ir-rifużjoni tad-depożitu, fejn skont ma tixhed l-istess Borg, kienet tikkuntenta li kieku tawha lura €500 mis-€700 li kient ħallset.

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jsostnu li l-fatt li n-numru ta' mistednin kellu jiġi limitat għal 100 ruħ mhuwiex fattur determinanti biżżejjed li jiġġustifika t-terminazzjoni tal-kuntratt minn naħa tar-Rikorrenti. Jgħidu ukoll li għalkemm jikkommiżeraw mar-Rikorrenti Rita Borg minħabba l-problemi ta' saħħa li kienet qed tiffaċċja ommha fiż-żmien relevanti, dan xortawaħda mhuwiex ġustifikazzjoni biex it-tieġ jiġi pospost inefinittivament u għalhekk jargumtaw illi lanqas fuq dan il-punt ma ħaqqhom rifużjoni tad-depożitu.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratt bejn il-Partijiet kien ġie ffirmat ferm qabel id-data tat-tieġ proġettata, meta ħadd ma kien għadu sema bil-pandemija tal-Covid-19 u meta ovvjament, ma kien għad hemm l-ebda restrizzjonijiet fuq kif u meta setgħu isiru t-tiġijiet. Is-sitwazzjoni imbagħad inqalbet għal kollox f'Marzu 2020 meta feġġet il-pandemija Covid-19 u l-Gvernijiet, inkluż dak Malti, implimentaw sensiela ta' miżuri restrittivi sabiex l-imxiegħa tal-virus tiġi mrażżna. Dan kien inizzjalment jinkludi projbizzjoni totali fuq attivitajiet tal-massa, liema miżuri imbagħad ġew

rilassati xi ftit iżda xorta kien hemm fis-seħħ limitazzjonijiet massivi fuq l-organizzazzjoni ta' tiġijiet u attivitajiet simili. Għalhekk, hawn si tratta ta' każ fortuwitu għaliex jikkonkorru l-elementi tal-imprevedibbilità u l-inevitabbilità. Fuq kollox, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi minn lenti ta' raġjonevolezza u ekwità li huwa mistieden jadopera dan it-Tribunal skont l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal jirreferi għad-deċiżjoni tiegħu (diversament presedut) mogħtija fl-atti tat-Talba fl-ismijiet ***Antonella Grech Micallef vs Elia Caterers*** deċiża fil-25 ta' Mejju 2022 (CCT/165/21/MS). It-Tribunal qies is-segwenti:

> *"It-Tribunal jidhirlu illi dan ma kienx każ kapriċċjuż fejn ir-Rikorrenti iddeċidiet illi tikkanċella t-tieġ 'at the eleventh hour' meta l-ikel kien ippreparat u lest. Illi l-fatt li s-soċjetà intimata kienet disposta illi tipposponi s-servizzi tagħha għas-sena d-dieħla jfisser li hija, bħal kumplament tad-dinja kollha, kienu ferm konxji tas-sitwazzjoni fluwida fl-industrija tat-tiġijiet – sitwazzjoni li kienet 'touch and go' sal-aħħar.*
>
> *[...]*
>
> *It-Tribunal jidhirlu illi gialadarba l-kuntratt ma setax jiġi eżegwit minħabba ċirkostanza li fuqha r-Rikorrenti ma l-enda kontroll, ir-Rikorrenti ma kellhiex tiġi mġiegħla tipposponi t-tieġ għal ġurnata oħra, gialadarba t-tieġ ma setax isir fid-data speċifika tal-kuntratt. Għalhekk, ir-Rikorrenti kellha raġun titlob ir-rexxisjoni tal-kuntratt"*

Illi għalkemm huwa minnu li taħt il-liġijiet viġenti, t-tieġ seta' jsir fis-26 ta' Settembru 2020 kif miftiehem inizzjalment bejn il-Partijiet, iżda wieħed irid iqis sewwa taħt liema kondizzjonijiet seta' jsir it-tieġ dakinhar u xi pjanijiet kienu fasslu l-għarajjes għall-jum speċjali tagħhom. Għalhekk it-Tribunal iqis li qajla hija fondata s-sottomissjoni tal-intimati li t-tieġ seta jsir xortawaħda fid-data pjanata.

Illi hemm ukoll li kwistjoni li jaf kien hemm mistiedna, saħansitra omm l-għarusa ukoll, li minkejja r-rilassament tar-restrizzjonijiet mill-Gvern, xortawaħda seta' ma ħasshomx komdi li jattendu għat-tieġ frott preokkupazzjonijiet ta' saħħa fi żmien li ma kienx għad hawn vaċċin kontra l-Covid-19. Din il-konsiderazzjoni relevantissima ġiet meqjusa mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Schembri vs Busy Bee Retail Limited*** (Rik. Nru. 2/2021 LM). Il-Qorti qalet dan:

> *"Irid jingħad li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien rilevanti, attivitajiet tal-massa setgħu jsiru, madanakollu dawn setgħu jsiru biss b'ċerti restrizzjonijiet. Dak iż-żmien festini bil-wieqfa, bħal dak li kien qed jippjana l-appellant, ma setgħux isiru, u l-appellant ma kienx qabel mal-idea li l-festin ikun seated, aktarx minħabba d-differenza fil-prezz bejn dak ippjanat oriġinarjament u avveniment seated. Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-età tal-appellat, u l-fatt li dak iż-żmien persuni tal-età tiegħu kienu għadhom qegħdin jistennew li jingħataw il-vaċċin, u kienu qegħdin jieħdu diversi prekawzjonijiet, fosthom li jevitaw attivitajiet soċjali li jlaqqgħuhom ma' ħafna nies. Għaldaqstant, anki jekk kien possibbli li jiġu organizzati attivitajiet tal-massa, ma jfissirx li kien jagħmel sens għall-appellat li jorganizza avveniment b'mijiet ta' persuni sabiex jiċċelebra għeluq it-tmenin sena tiegħu, u dan meta d-dinja kienet għaddejja minn sitwazzjoni daqstant delikata".*

Illi meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ir-riżultat utili ta' dak prospettat mir-Rikorrenti meta daħlu fil-kuntratt ma setax raġjonevolment jintlaħaq konsegwenza ta' fatturi li kienu kompletament estranji u li fuqhom ma kellhom l-ebda kontroll. Għalhekk, it-Tribunal iqis li jikkonkorru l-elementi legali essenzjali kollha sabiex it-talba tiġi akkolta u filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, ser jgħaddi biex jilqa' t-Talba.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-Rikorrenti is-somma ta' seba mitt Euro (€700) bl-imgħax dekorribbli mit-3 ta' Novembru 2020, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu esklussiv tal-intimati.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***